**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 133**

It-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

## ATTENDENZA

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

L-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri u l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 132 li saret fit-12 ta' Ġunju 2023 kienu kkonfermati.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 8892 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1906 Lista tal-inferred available balance ta' kull kunsill lokali minn fondi tal-Urban Improvement Fund/Planning Fund, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9646;

P.L. 1907 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 9645 dwar kontribuzzjonijiet monetarji għal Commuted Parking Payment Scheme (CPPS)/Urban Improvement Fund (UIF) li ngħatat fis-seduta 132 tat-12 ta' Ġunju 2023;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1908 Avviż Legali Nru 117 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva;

P.L. 1909 Tabella li turi tagħrif dwar kull ftehim kolletiv li qed jiġi nnegozjat għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9770;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1910 Avviż Legali Nru 118 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jirrevoka r-Regolamenti dwar ŻFIN Malta;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1911 Tabella li turi tagħrif dwar il-ħlasijiet għal-Legal and Professional fees li ngħataw lill-Awtorità tal-Artijiet maqsuma skont il-benefiċjarju/kumpanija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8925;

P.L. 1912 Tabella li turi informazzjoni dwar binjiet li huma mikrija lill-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9450;

P.L. 1913 Lista ta' donazzjonijiet li ngħataw lil fondazzjoni partikolari minn entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet fis-snin bejn l-2015 u l-2022 maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9456; u

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1914 Tabella li turi l-għaqdiet tal-kaċċa li bbenefikaw mill-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi fis-snin bejn l-2016 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9908; u

P.L. 1915 Tabella li turi fondi mogħtija lill-organizzazzjonijiet volontarji mill-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9909.

**KUMITATI PERMANENTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Robert Cutajar issostitwixxa lill-Onor. David Agius.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**153. ESTENSJONI TAT-TERMINU TA' 60 JUM STIPULAT FL-ATT DWAR L-INTERPRETAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-MOZZJONIJIET 147 U 148**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona:

Peress li l-Artikolu 11(1) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) jipprovdi li fuq mozzjoni li tiġi preżentata fi żmien tmienja u għoxrin (28) jum wara li leġiżlazzjoni sussidjarja titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, l-istess Kamra, fi żmien sittin (60) jum wara li tkun ġiet hekk imqiegħda, tista' tirriżolvi illi tali leġiżlazzjoni tiġi annullata jew emendata; u

peress li fir-rigward tal-Mozzjoni 147 li tipproponi emenda għall-Avviż Legali 98 tal-2023 u tal-Mozzjoni 148 li tipproponi emenda għall-Avviż Legali 96 tal-2023 it-terminu ta' sittin (60) jum jiskadi fit-23 ta' Ġunju 2023 u dan għaliex dawn iż-żewġ avviżi legali tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra fl-24 ta' April 2023;

il-Kamra qiegħda taqbel li t-terminu fuq imsemmi ta' sittin (60) jum jiġi estiż b'ħamest (5) ijiem sabiex fit-28 ta' Ġunju 2023 il-Kamra tkun tista' tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni *o meno* tal-mozzjonijiet fuq imsemmija.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT – ABBOZZ NRU 56**

Id-Deputy Speaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli.

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549 u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu miegħu jew huma anċillari għalihom", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

10 ta' Mejju 2023

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża ppproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549 u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu miegħu jew huma anċillari għalihom.".

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Carmelo Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Janice Chetcuti u l-Onor. Albert Buttigieg għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Albert Buttigieg qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1916 Artiklu li deher fuq is-sit timesofmalta.com fit-12 ta' April 2023, bl-isem *Neighbour seeks demolition of development whose permit was annulled.*

Fis-6.59 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 96 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 Ii jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Fornituri ta’ Servizzi ta’ Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Estimi ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta’ Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta’ Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta’ Proprjetà fi Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Ivan J Bartolo, mill-Onor. Julie Zahra u mill-Onor. Ivan Bartolo.

Fis-7.31 p.m. l-Onor. Michael Farrugia li kien qed jippresjedi l-Kamra bis-saħħa tal-Mozzjoni numru 151, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 14 ta’ Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**